MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 12

Il-Ħamis, 16 ta' April, 2020

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 22A, Triq id-Duluri, fil-17:00.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Ġorġ Camilleri – Kunsillier
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier

Etienne Cauchi – Ambaxxatur taż-żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## 12.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

12.1.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv (DSE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa nr. 11 li kienu meqjusa moqrija.

12.1.2 Il-minuti tal-laqgħa ġew approvati.

## 12.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

12.2.1 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill illi l-impjegata l-ġdida tal-Kunsill, Loretta Cauchi, miexja tajjeb ħafna.

12.2.2 Is-Sindku qal ukoll illi s-servizz tal-posta u l-ħlasijiet tal-kontijiet ġew sospiżi temporanjament minħabba l-COVID-19.

12.2.3 Minn meta għalqu l-iskejjel, il-Kunsill kien iddeċieda illi jsir l-online reading fuq il-paġna tal-Facebook tal-Kunsill. Is-Sindku qal li din sejra tajjeb immens u hemm *feedback* tajjeb ħafna.

12.2.4 Wara diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda illi minħabba r-regolamenti dwar il-protezzjoni tad-data, it-terminu ta' snin sakemm il-Kunsill għandu jżomm dettalji personali ta' persuni għandha tkun ħames snin. Dawn id-dettalji jkunu bħal pereżempju xi persuni li jkunu nkitbu għal xi ħarġa jew qegħdin f'xi lista li l-Kunsill ikun żamm għal xi okkażjoni partikulari ta' dak iż-żmien u li ma jkolliex bażi storika u għalhekk ma jkunx hemm il-bżonn illi l-Kunsill iżomm tali nformazzjoni.

12.2.5 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill illi l-BOQ taċ-Ċentru Ċiviku lesta u huwa għaddiha lill-Ministeru għal Għawdex għall-possibilta' ta' għajnuna finanzjarja minn naħa tagħhom.

12.2.6 Is-Sindku qal li huwa tkellem ma' tal-futbol dwar l-użu tal-kamra li tinsab ġewwa l-iskola. Huwa żied jgħid illi sar qbil li jużaha kemm il-Kunsill u anke tal-futbol.

## 12.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

Il-Kunsillier George Camilleri qal li huwa, bħalma qal drabi oħra, ma jaqbilx mal-pagamenti tal-attendant tal-Interpretation Centre tad-Dwejra. Huwa tenna li ma jridx jerfa' responsabbilta' tiegħu għax dan il-pagament għandu jingħata mill-Ministeru tat-Turiżmu u mhux mill-Kunsill, inkella ċ-Ċentru għandu jingħalaq. Huwa qal li b'dawn il-flus, il-Kunsill ikun jista' jagħmel ħafna affarijiet oħra madwar ir-raħal. Id-Deputat SE qalet li dan huwa kuntratt li kien qabel miegħu il-Kunsill u għalhekk ma jistax jitwaqqaf bħalissa. Is-Sindku qal li dan iċ-Ċentru huwa uniku f'Malta u Għawdex u għandu valur kbir u fl-istess ħin il-ħidma tal-Kunsill hija għaddejja u r-raħal qatt ma ġie mċaħħad minn xejn, iżda ddikkjara illi huwa għandu kunflitt ta' interess u għalhekk mhux ser jitkellem dwar din il-materja. Għalhekk, ġie deċiż illi s-Sur Camilleri ma jiffirmax l-iskeda ta' pagamenti iżda kien hemm qbil li l-pagament għandu jibqa' jsir.

## 12.4 Offerta għal Electric Vehicle u Kwotazzjoni għal Sustainable Urban Mobility Plan

12.4.1 Dwar l-offerta tal-Electric Vehicle, din ħarġet u għalqet fid-9 t'April u saret l-evalwazzjoni. Il-bord ta' evalwazzjoni qed jissuġġerixxi illi din l-offerta tingħata lil Galea General Services Ltd. Il-Kunsill qabel ma' dan.

12.4.2 Dwar il-kwotazzjoni tal-Urban Mobility Study, din ħarġet u għalqet ukoll u l-bord ta' evalwazzjoni qed jissuġġerixxi illi din il-kwotazzjoni tingħata lil Proofreading.com.mt. Il-Kunsill qabel ma' dan.

12.4.3 Is-Sindku qal illi dwar ir-roti tal-elettriku qed nistennew il-kwotazzjonijiet.

## 12.5 Update fuq il-proġett tal-Mobility fir-Raħal

Is-Sindku qal illi r-rapport issa ġie approvat.

## 12.6 Handyman tal-Kunsill Lokali

Is-Sindku qal li bħallisa il-handyman tal-Kunsill jinsab magħluq bi kwarantina u għalhekk m'għandniex servizz ta' handyman u lanqas ta' kennies. Huwa qal li minħabba li ma nistgħux noqogħdu mingħajr is-servizz tal-knis, qed joħroġ jiknes hu.

## 12.7 Manutenzjoni tal-Pjazza

Is-Sindku qal li beda x-xogħol fuq il-manutenzjoni tal-pjazza. Il-kuntrattur ser jipprova jaqta' trinka żgħira taħt il-bankina u jimliha b'materjal tal-lastiku sabiex il-madum ikollu fejn jitħarrek u ssir inqas ħsara matul is-snin. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

## 12.8 Aġġornament wara l-laqgħa mal-Ministeru għal Għawdex

Is-Sindku qal illi dwar il-laqgħa li saret mas-Sur Michael Buhagiar mill-Ministeru għal Għawdex s'issa għadu ma sema' xejn u għalhekk bgħatlu email sabiex jara kif bqajna fuq it-talbiet li saru.

## 12.9 Materji oħra

12.9.1 Is-Sindku qal li huwa tal-fehma li napplikaw mal-MIEMA għal-Lace Festival sabiex niehdu sehem. L-attivita' għandha ssir wara l-COVID-19 u bħala spejjeż suppost inkunu koperti f'kollox. Kulħadd qabel ma' dan.

12.9.2 Id-Deputat SE qrat ittra illi ntbgħatet mingħand Annie Formosa, l-attendent taċ-Ċentru tad-Dwejra. Hija spjegat illi peress li bħalissa ċ-Ċentru jinsab magħluq minħabba l-COVID-19, b'effett mill-1 ta' April 2020, hija mhux ser titlob ħlas sakemm idum magħluq dan iċ-Ċentru. Hija nfurmat lill-Kunsill illi xorta b'mod volontarju qed tinżel darba fil-ġimgħa biex tixgħel il-generator u tiftaħ il-post u tnaddfu biex ma ssirx ħsara.

12.9.3 Is-Sindku qara r-rapport ta' ħidma għas-sena 2019. Huwa spjega fid-dettal il-proġetti li saru u l-isfidi li ltaqa' magħhom il-Kunsill f'din is-sena. Dan ir-rapport ġie approvat mill-Kunsill.

12.9.4 Is-Sindku semma Triq il-Ġebla tal-Ġeneral u Triq id-Duluri fejn il-Kunsill kellu joħroġ diversi fondi addizzjonali ma' dawk li ngħatajna mill-Ministeru għal Għawdex. Huwa tenna illi dawn huma toroq li suppost jagħmilhom il-Ministeru u l-Kunsill m'għandux fondi minn fejn joħroġ aktar flus. Huwa qal li ghadu f'kuntatt mal-Ministeru ghal Ghawdex biex jirnexxilu jirranġa dwar dawn it-toroq.

12.9.5 Il-Viċi Sindku Anthony Formosa semma t-tindif tal-widien li għadu ma sarx. Is-Sindku rrispondih illi għad m'għandniex risposta minn naħa tal-Ministeru għal Għawdex.

## 12.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti. Dwar il-pagament ta' Annie Formosa, attendant taċ-Ċentru tad-Dwejra, il-Kunsillier George Camilleri oġġezzjona għalih, iżda l-membri l-oħra approvawh.

## 12.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fis-18:30 u sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir il-Ħamis 14 ta' Mejju 2020 fil-17:00.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Noel Formosa<br>Sindku | Marianne Sagona<br>Deputat Segretarju Eżekuttiv |